KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.3.2007
KUMM(2007) 151 finali

2007/0057 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-hekk imsejħa każijiet "*Open Skies*", fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill ta mandat lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti bi ftehim Komunitarju[1] (il-"mandat orizzontali"). L-għanijiet ta' ftehimiet ta' dan it-tip huma li jagħtu aċċess mhux diskriminatorju lit-trasportaturi kollha ta' l-ajru ta' l-UE għar-rotot bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, u sabiex il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi jikkonformaw mal-liġi Komunitarja.

- **Il-kuntest ġenerali**

Ir-relazzjonijiet fil-qasam ta' l-avjazzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tradizzjonalment jiġu rregolati permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, l-Annessi għat-tali ftehimiet u arranġamenti oħra bilaterali jew multilaterali b'rabta ma' dan.

Il-klawżoli tradizzjonali ta' dożinjazzjoni fil-ftehimiet ta' l-ajru bilaterali ta' l-Istati Membri jiksru l-liġi Komunitarja. Jagħtu lok lill-pajjiż terz li jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' kumpanija ta' l-ajru li kienet ġiet iddożinjata minn Stat Membru iżda li mhijiex proprjetà sostanzjali ta' dak l-Istat Membru u kkontrollata effettivament minnu jew miċ-ċittadini tiegħu. Instab li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità li, filwaqt li jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru, ikunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru ieħor u kkontrollati minnhom. Dan imur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat li jiggarantixxi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jkunu eżerċitaw il-libertà ta' l-istabbiliment tagħhom l-istess trattament fl-Istat Membru li jkun qed jospitahom bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Hemm kwistjonijiet oħra, bħat-tassazzjoni jew it-tariffi fuq il-fjuwil ta' l-avjazzjoni introdotti minn trasportaturi ta' l-ajru ta' terzi pajjiżi fuq rotot intra-Komunitarji, li fil-każ tagħhom il-konformità mal-liġi Komunitarja għandha tiġi żgurata billi jiġu emendati jew ikkomplementati d-dispożizzjonijiet eżistenti fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jieħdu post jew jikkumplementaw id-dispożizzjonijiet eżistenti fis-sitt ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Panama.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument ristrett).

Il-Ftehim se jaqdi mira fundamentali tal-politika Komunitarja dwar l-avjazzjoni esterna billi jġib il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru konformi mal-liġi Komunitarja.

2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati**

Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li ħadu sehem fil-konsultazzjoni

L-Istati Membri, kif ukoll l-industrija, ġew ikkonsultati matul in-negozjati kollha.

Sinteżi tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati

Il-kummenti li saru mill-Istati Membri u l-industrija ġew ikkunsidrati.

3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Skond il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għall-"mandat orizzontali", il-Kummissjoni nnegozjat ftehim mar-Repubblika tal-Panama li jissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Panama. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jieħu post il-klawżoli ta' dežinjazzjoni tradizzjonali bi klawżola ta' dežinjazzjoni Komunitarja, li tippermetti lit-trasportaturi ta' l-ajru kollha tal-Komunità li jibbenefikaw mid-dritt ta' stabbiliment. L-Artikoli 4 u 5 tal-Ftehim jittrattaw żewġ tipi ta' klawżoli li jikkonċernaw kwistjonijiet tal-kompetenza Komunitarja. L-Artikolu 4 jittratta t-tassazzjoni tal-fjuwil ta' l-avjazzjoni, li hija kwistjoni li ġiet armonizzata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tirristruttura l-qafas Komunitarju għat-tassazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha. L-Artikolu 5 (Tariffi) isolvi kunflitti bejn ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti u r-Regolament tal-Kunsill Nru 2409/92 dwar tariffi u rati għas-servizzi ta' l-ajru li jipprojbixxu kumpaniji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi milli jkollhom pożizzjoni dominanti fuq il-prezzijiet tas-servizzi ta' l-ajru għall-ġarr li jsir kollu kemm hu fil-Komunità. L-Artikolu 6 jirrisolvi kunflitti potenzjali mar-regoli tal-KE dwar il-kompetizzjoni.

- **Il-bażi ġuridika**

It-Trattat tal-KE, l-Artikoli 80(2), u 300(2).

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta tissejjes kollha kemm hi fuq il-"mandat orizzontali" mogħti mill-Kunsill b'kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet koperti mil-liġi Komunitarja u l-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-Ftehim se jemenda jew jikkomplementa d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali

dwar is-servizzi biss safejn dan ikun ta' ħtieġa ħalli tiġi żgurata l-konformità mal-liġi Komunitarja.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Il-Ftehim bejn il-Komunità u r-Repubblika tal-Panama huwa l-aktar strument effiċjenti biex il-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Panama jinġiebu konformi mal-liġi Komunitarja.

4) IMPLIKAZZJONIJIET FUQ IL-BAĠIT

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Is-simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Panama se jiġu ssostitwiti jew ikkumplementati minn dispożizzjonijiet fi ftehim Komunitarju waħdieni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Skond il-proċedura standard għall-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, il-Kunsill mitlub japprova d-Deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru, u jinnomina l-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 80(2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) F'isem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim mar-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Il-ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

1. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina il-persuna/i bis-setgħa li, f'isem il-Komunità, tiffirma/jiffirmaw il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru, suġġett għall-konklużjoni ta' dan f'data aktar tard.

[2] ĠU C , , p..

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma’ din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2007/0057 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim mal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkanizmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fi .... , suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill .../.../KE fi ....[5];

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

---

3 ĠU C , , p..
4 ĠU C , , p..
5 ĠU C , , p..

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa tagħmel in-notifika li dwarha jipprovdi l-Artikolu 9(1) tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama

dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

min-naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-PANAMA,

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem 'il-Partijiet')

FILWAQT LI JINNUTAW li ftehimiet ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru ġew iffirmati bejn bosta Stati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama, li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi tal-Komunità Ewropea,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skond il-liġi tal-Komunità Ewropea, it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi.

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu dritt ta' proprjetà fi trasportatur ta' l-ajru liċenzjat f'konformità mal-liġi tal-Komunità Ewropea,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali għal servizzi ta' l-ajru bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama, li huma kontra l-liġi tal-Komunità Ewropea, għandhom jinġiebu f'konformità sħiħa magħha sabiex tiġi stabbilita bażi ġuridika tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama u biex titħares it-tkomplija ta' servizzi ta' l-ajru bħal dawn,

FILWAQT LI JINNUTAW li mhuwiex għan tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali ta' traffiku ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama, jew li jiġi affettwat il-bilanċ bejn trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u trasportaturita' l-ajru tar-Repubblika tal-Panama, jew li jiġu nnegozjati emendi lid-dispożizzjonijiet li diġà jeżistu ta' ftehimiet bilaterali għal servizzi ta' l-ajru dwar drittijiet tat-traffiku.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, l-espressjoni 'Stati Membri' tfisser l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea. 'L-Istati Membri ta' l-LACAC' tfisser l-Istati Membri tal-Kummissjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili ta' l-Amerika Latina.

2. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 liċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti fil-ftehim għandhom jinftiehmu li qed jirreferu għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

3. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 għat-trasportaturi ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huwa parti fil-ftehim għandhom jinftiehmu bħala li qed jirreferu għat-trasportaturi ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ddeżinjati minn dak l-Istat Membru.

ARTIKOLU 2

Deżinjazzjoni, Awtorizzazzjoni u Revoka

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-Artikoli elenkati fl-Anness 2(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-deżinjazzjoni tal-kumpaniji ta' l-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija mir-Repubblika tal-Panama, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew permessi tat-trasportatur ta' l-ajru, rispettivament. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-Artikoli elenkati fl-Anness 2(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-deżinjazzjoni tat-trasportatur ta' l-ajru mir-Repubblika tal-Panama, l-awtorizzazzjonijiet u permessi tiegħu mogħtija mill-Istat Membru, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew permessi tat-trasportatur ta' l-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi deżinjazzjoni mingħand Stat Membru, ir-Repubblika tal-Panama għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-anqas dewmien proċedurali, bil-kundizzjoni li:

   i. it-trasportatur ta' l-ajru jkun stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru ddeżinjat skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u jkollu Liċenzja Operattiva valida f'konformità mal-liġi tal-Komunità Ewropea;

   ii. ikun eżerċitat u miżmum il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu u l-awtorità aeronawtika rilevanti tkun identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni; kif ukoll

iii. it-trasportatur ta' l-ajru jkun proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, u kkontrollat effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-istati l-oħra.

3. Ir-Repubblika tal-Panama tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpanija ta' l-ajru ddeżinjata minn Stat Membru fejn:

i. it-trasportatur ta' l-ajru ma jkunx stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru li jkun qed jiddeżinjah taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew ma jkollux Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi tal-Komunità Ewropea; jew

ii. ma jkunx eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu, jew l-awtorità aeronawtika rilevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni; jew

iii. it-trasportatur ta' l-ajru ma jkunx il-proprjetà ta' u ma jkunx effettivament ikkontrollat direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-istati l-oħra; jew

iv. it-trasportatur ta' l-ajru ikun diġà awtorizzat li jopera fl-ambitu ta' ftehim bilaterali bejn ir-Repubblika tal-Panama u xi Stat Membru ieħor u r-Repubblika tal-Panama turi li, billi jeżerċita d-drittijiet tat-traffiku fl-ambitu ta' dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi punt f'dak l-Istat Membru l-ieħor, dan ikun qed jevita r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tat-traffiku imposti minn dak il-ftehim l-ieħor; jew

v. it-trasportatur ta' l-ajru jkun fil-pussess ta' Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru maħruġ mill-Istat Membru u ma jkun hemm l-ebda ftehim bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn ir-Repubblika tal-Panama u dak l-Istat Membru, u d-drittijiet tat-traffiku lejn dak l-Istat Membru jkunu ġew miċħuda lit-trasportatur ta' l-ajru ddeżinjat mir-Repubblika tal-Panama.

Waqt li qed teżerċita d-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, ir-Repubblika tal-Panama ma għandhiex tiddiskrimina bejn it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità abbażi tan-nazzjonalità.

4. Malli jirċievi deżinjazzjoni mingħand ir-Repubblika tal-Panama, Stat Membru għandu jagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-anqas dewmien proċedurali possibbli, sakemm:

i. it-trasportatur ta' l-ajru jkun stabbilit fir-Repubblika tal-Panama; kif ukoll

ii. ir-Repubblika tal-Panama jkollha u żżomm kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta' l-ajru u tkun responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu; kif ukoll

iii. it-trasportatur ta’ l-ajru jkun il-proprjetà ta' l-Istati Membri ta' l-LALAC u/jew ta' ċittadini mill-Istati Membri ta' l-LALAC u jkun effettivament ikkontrollat minnhom sew direttament inkella permezz ta’ sehem maġġoritarju.

5. Stat Membru jista' jirrifjuta, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' trasportatur ta' l-ajru ddeżinjat mir-Repubblika tal-Panama fejn:

i. it-trasportatur ta’ l-ajru jkun stabbilit fir-Repubblika tal-Panama; jew

ii. il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta’ l-ajru ma jkunx eżerċitat jew miżmum mir-Repubblika tal-Panama jew ir-Repubblika tal-Panama ma tkunx responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu; jew

iii. it-trasportatur ta’ l-ajru ma jkunx il-proprjetà ta' l-Istati Membri ta' l-LALAC u/jew ta' ċittadini mill-Istati Membri ta' l-LALAC u ma jkunx effettivament ikkontrollat minnhom sew direttament inkella permezz ta’ sehem maġġoritarju; jew

iv. it-trasportatur ta’ l-ajru jkun diġà awtorizzat jopera fl-ambitu ta’ ftehim bilaterali bejn l-Istat Membru u Stat Membru ieħor ta' l-LALAC, u l-Istat Membru juri li, billi jeżerċita d-drittijiet fuq it-traffiku fl-ambitu ta’ dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi punt f’dak l-Istat Membru l-ieħor ta' l-LALAC, dan ikun qed jevita r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tat-traffiku imposti minn dak il-ftehim l-ieħor.

ARTIKOLU 3

Is-sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Artikoli elenkati fl-Anness 2(c).

2. Fejn Stat Membru jkun iddeżinja trasportatur ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu huwa eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tar-Repubblika tal-Panama taħt id-dispożizzjonijiet ta' sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru li ddeżinja t-trasportatur ta' l-ajru u r-Repubblika tal-Panama għandu japplika bl-istess mod fir-rispett ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew il-manteniment ta' l-istandards tas-sikurezza mill-Istat Membru l-ieħor u b'rispett ta' l-awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' dik it-trasportatur ta' l-ajru.

ARTIKOLU 4

Tassazzjoni tal-ffuwil ta’ l-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Artikoli elenkati fl-Anness 2(d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness 2(d) ma għandu jżomm l-Istati Membri milli jimponu, fuq bażi mhux diskriminatorja, taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tagħhom għall-użu f'inġenju ta' l-ajru ta' trasportatur ta' l-ajru ddeżinjat tar-Repubblika tal-Panama li jopera bejn punt fit-territorju ta' Stat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

3. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness 2(d) ma għandu jżomm Stat Membru milli jimponi taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'inġenju ta' l-ajru ta' trasportatur ta' l-ajru ddeżinjat tar-Repubblika tal-Panama li jopera bejn punt fit-territorju ta' Stat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

ARTIKOLU 5

It-tariffi għall-ġarr

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-Artikoli elenkati fl-Anness 2(e).

2. It-tariffi li jintalbu mit-trasportatur(i) ta' l-ajru ddeżinjata/i mir-Repubblika tal-Panama permezz ta' ftehim elenkat fl-Anness 1 li fih dispożizzjoni elenkata fl-Anness 2(e) għal ġarr li jseħħ kollu kemm hu fi ħdan il-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti għal-liġi tal-Komunità Ewropea. Il-liġi tal-Komunità Ewropea hija applikata fuq bażi mhux diskriminatorja.

3. It-tariffi li jintalbu mit-trasportatur(i) ta' l-ajru ddeżinjat(i) minn Stat Membru fl-ambitu ta' xi ftehim elenkat fl-Anness 1 li jkun fihom dispożizzjoni elenkata fl-Anness 2(e) għall-ġarr bejn ir-Repubblika tal-Panama u xi Stat Membru ieħor ta' l-LALAC għandhom ikunu suġġetti għal-liġi tal-Panama rigward il-*price leadership* u jiġu applikati fuq bażi mhux diskriminatorja.

ARTIKOLU 6

Il-kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja kull dispożizzjoni għall-kuntrarju, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness I ma għandu (i) jiffavorixxi l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki miftiehma li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni; (ii) isaħħaħ l-effetti ta' kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma bħal dan; jew (iii) jiddelega lill-operaturi ekonomiċi privati r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet elenkati fl-Anness I li mhumiex kompatibbli mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu applikati.

ARTIKOLU 7

Annessi ta' dan il-Ftehim

L-Annessi ta' dan il-Ftehim se jiffurmaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 8

Reviżjonijiet jew emendi

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

ARTIKOLU 9

Id-dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ikunu ġew kompluti.

ARTIKOLU 10

Terminazzjoni

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness 1 jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim elenkat fl-Anness 1 ikkonċernat għandhom jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness 1 jiġu tterminati, dan il-Ftehim jiġi tterminat fl-istess ħin.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, awtorizzati kif jixraq, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi [...] f'żewġ kopji, il-[...] jum ta' [..., ...] bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża. F'każ ta' diverġenza, it-test Spanjol għandu jipprevali fuq it-testi bil-lingwi l-oħra.

GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ: GĦAR-REPUBBLIKA TAL-PANAMA:

ANNESS 1

Lista ta' ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet tas-servizzi ta' l-ajru bejn ir-Repubblika tal-Panama u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati provviżorjament

- Il-Ftehim bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Panama dwar it-Trasport bl-Ajru, magħmul fil-belt ta' Panama fit-13 ta' Diċembru 1999, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Panama – Ġermanja" fl-Anness 2.

- Il-Ftehim bejn il-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Panama u tar-Renju tal-Belġju dwar is-servizzi ta' l-ajru, magħmul fil-belt ta' Panama fit-12 ta' Jannar 1966, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Panama – Belġju" fl-Anness 2.

- Il-Ftehim bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika tal-Panama dwar it-Trasport bl-Ajru, magħmul fil-belt ta' Panama fis-7 ta' Awissu 2001, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Panama – Spanja" fl-Anness 2.

- Il-Protokoll tal-Laqgħa bejn id-delegazzjonijiet aeronawtiċi tal-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Panama, magħmul f'Ruma fil-11 ta' Novembru 1970, minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll Panama – Italja" fl-Anness 2.

- Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Panama u r-Renju ta' l-Olanda dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn it-territorji tagħhom u lil hinn minnhom, inizjalat bħala l-Anness 2 tal-Memorandum ta' Qbil magħmul f'Den Haag fis-7 ta' Ġunju 1995, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Panama – Olanda" fl-Anness 2.

- Il-Ftehim bejn il-Gevrn tar-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika tal-Panama, inizjalat bħala l-Anness B tal-Memorandum ta' Qbil iffirmat f'Londra fis-26 ta' Awissu 1997, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Panama – Renju Unit" fl-Anness 2

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi ta' l-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tal-Panama u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, dakinhar ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati provviżorjament.

ANNESS 2

Lista ta' Artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Deżinjazzjoni:

– l-Artikolu 3 tal-Ftehim Panama – Ġermanja;

– l-Artikolu 3 tal-Ftehim Panama – Spanja;

– l-Artikolu 4 tal-Ftehim Panama – Olanda;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Panama – Renju Unit

(b) Rifjut, Revoka, Sospensjoni jew Limitazzjoni ta' l-Awtorizzazzjonijiet jew il-Permessi:

– l-Artikolu 3 tal-Ftehim Panama – Ġermanja;

– l-Artikolu 9 tal-Ftehim Panama – Belġju;

– l-Artikolu 4 tal-Ftehim Panama – Spanja;

– l-Artikolu 5 tal-Ftehim Panama – Olanda;

– l-Artikolu 5 ta’ l-Abbozz ta’ Ftehim Panama – Renju Unit

(c) Kontroll regolatorju:

– l-Artikolu 12 tal-Ftehim Panama – Ġermanja;

– l-Artikolu 11 tal-Ftehim Panama – Spanja;

(d) It-Tassazzjoni tal-Fjuwil ta’ l-Avjazzjoni:

– l-Artikolu 6 tal-Ftehim Panama – Ġermanja;

– l-Artikolu 7 tal-Ftehim Panama – Belġju;

– l-Artikolu 5 tal-Ftehim Panama – Spanja;

– l-Artikolu 10 tal-Ftehim Panama – Olanda;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Panama – Renju Unit;

(e) It-tariffi fuq il-ġarr

– l-Artikolu 10 tal-Ftehim Panama – Ġermanja;

– l-Artikolu 5 tal-Ftehim Panama – Belġju;

– l-Artikolu 7 tal-Ftehim Panama – Spanja;

– l-Artikolu 6 tal-Ftehim Panama – Olanda;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Panama – Renju Unit;

ANNESS 3

Lista ta' stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) **Ir-Repubblika ta l-Iżlanda** (skond il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) **Il-Prinċipat ta' Liechtenstein** (skond il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(c) **Ir-Renju tan-Norveġja** (skond il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) **Il-Konfederazzjoni Żvizzera** (skond il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).